MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 21/1995/1

**Antonia Schembri u b'digriet tal-24.11.98 l-atti kienu trasfuzi f'isem Maria Gauci u Catherine Zammit.**

**Vs**

**Giuseppe Micallef u b'digriet tat-3.3.2000 il-gudizzju kien trasfuz f'isem Carmela armla ta' Giuzeppi Micallef u Elizabeth mart Grazio Gerada u l-istess Grazio Gerada, Carmelo Micallef, James Micallef u Brenda mart Jsemond Tonna.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"Illi l-intimat jikri minghand l-esponenti l-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Gholja' gewwa il-Benghajsa, limiti ta' Birzebbugia, konsistenti f'zewg hbula u tal-kejl ta' hames

titmien u sighan, b'kamra u mansab go fiha, bil-kera ta' Lm60 fis-sena pagabbli fis-sena kull 15 t'Awissu, l-iskadenza li jmiss fil-15 t'Awissu, 1996.

Illi l-esponenti ghandha bzonn din l-ghalqa ghall-uzu tan-neputija (grand-daughter) taghha, Maria Zammit, li toqghod maghha u ddur biha, u dan fis-sens tal-Ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitlob illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha sabiex tirriprendi l-pussess battal tal-imsemmija ghalqa gewwa Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga, fi tmiem ir-rilokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmija ghalqa."

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid:

"Illi fil-meritu r-rikorrenti trid tissodisfa skond il-vot tal-ligi, z-zewg kundizjonijiet imposti bl-Artikolu 4 (2) tal-Att VXI tal-1967.

Illi inoltre, kif ser jirrizulta, ir-rikorrenti certament m'hijiex dipendenti ghall-ghixien taghha jew tal-persuna minnha imsemmija fir-rikors, fuq il-htiega tar-ripresa tar-raba de quo. Ghandu jirrizulta wkoll illi la r-rikorrenti u lanqas il-membri tal-familja taghha qatt ma hadmu raba.

Salv eccezzjonijiet ohra."

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti mietet fil-mori tal-kawza u kif jirrizulta mill-atti, dawn kienu trasfuzi f'isem it-tfal tar-rikorrenti Maria Gauci u Catherine Zammit. Ir-rikors promutur sar fuq il-premessa illi n-neputija tar-rikorrenti, Maria Zammit, kienet qed iddur biha u toqghod maghha. Minkejja dan, Catherine Zammit, it-tifla tar-rikorrenti xehdet, wara l-mewt

ta’ ommha, ir-rikorrenti, illi bintha Maria Zammit issa zzewget u r-ragel taghha jahdem “xi haga mal-gvern”. Maria Gauci, xehdet illi l-ghalqa hija zdingata u fiha xi sigar maqtughin. Din ix-xhud, oht Catherine Zammit ma qalitx li tehtieg l-ghalqa biex it-tifla ta’ohta tkun tista’ taghmel qliegh minnha.

Illi fix-xhieda ulterjuri ta’ Catherine Zammit, din esebiet ritratti biex turi l-istat tal-ghalqa de quo. Qalet ukoll illi “ghandu jkun ir-ragel ta’ binti jahdem mal-gvern billi jirranga l-bankini”.

Carmelo Zahra xehed illi ilu mill-1982 jaghmel xoghol fl-ghalqa ghal Giuzeppi Micallef. Minn din l-ghalqa, ta’ kobor ta’ hamest itmiem, kien ikollhom prodott fil-valur ta’ Lm20 patata, xi hamsin balla qamh u forsi erba kannesti basal;

Alfred Falzon xehed illi huwa propretarju ta’ pet shop u li Giuzeppi Micallef u Grezzju Gerada gieli xtraw xi xkora patata, sulfat u xi naqra gwiez minn ghandu. John Mifsud, part time tractor driver qal li kien jahrat din l-art darba kull sena fuq talba ta’ Giuzeppi Micallef izda l-ahhar li haratha kien xi ghaxra jew hdax-il sena ilu (dan xehed f’Novembru 2001). Joseph Farrugia xehed illi bhala tractor driver ilu jahrat din l-ghalqa ghall-Grezzju Gerada ghal-dawn l-ahhar erba snin darbtejn fis-sena (huwa xehed ukoll f’Novembru 2001). Emanuel Ciantar, tractor driver iehor, xehed illi gieli ghamel xi xoghol ta’ hart lil Grezzju Ciantar fl-ghalqa tieghu u qabel kien jahrat l-istess ghalqa ghal haddiehor izda ma jafx min kien. L-ahhar li hadem ghal-Gerada kien xi hames snin ilu ghal sentejn wara xulxin (dan xehed ukoll f’Novembru 2001). Dan ix-xhud jirreferi ghall-ghalqa bhala li fiha kejl ta’ tomna u nofs jew tomnejn.

Joseph Schembri xehed illi huwa r-ragel ta’ Maria Lourdes, in-neputija tal-fu rikorrenti Antonia Schembri u bint wahda mir-rikorrenti li f’isimhom kienu trasfuzi l-atti, li ghaliha kienet mitluba l-ghalqa. Huwa jahdem mal-gvern u ghandu introjtu mir-raba li ghandu oltre madwar Lm200 fis-sena bhala imghax bankarju;

Grezzju Gerada, wiehed mill-intimati xehed illi ghandu zewgt itfal, wiehed jahdem full time u iehor jahdem part-time. Huwa ilu jirregistra ghax-xoghol ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Huwa kien jahdem dan ir-raba ma' missier il-mara tieghu, Giuzeppi Micallef, u wara mewtu baqa' jahdem ir-raba wahdu minn fejn jigbor madwar Lm350 fi prodott fis-sena;

Ikkonsidra:

Illi fin-nota ta' sottomissjonijet tal-intimati hemm senjalat illi dan ir-rikors kien intavolat minn Antonia Schembri li mietet fil-mori tal-kawza u li din kienet talbet ir-ripreza fuq il-kawzali li ghandha bzonn l-ghalqa ghall-uzu tan-neputija taghha Maria Zammit li toqghod maghha u ddur biha fis-sens tal-ligi. Il-mewt tar-rikorrent ma jaghti ebda tifsira varjanti ghal-kawzali minnha vantata. L-artikolu 4 (2) (a) tal-Kap 199 jaghti s-setgha lil dan il-Bord jawtorizza ripreza ta' art meta sid il-kera jehtieg l-istess raba ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn membru tal-familja personalment. Maria Zammit hija *membru tal-familja* ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap 199 u l-fatt illi l-fu rikorrenti semmiet illi din toqghod maghha u ddur biha ma jbiddilx il-fatt illi dan ir-raba ghadu mehtieg ghall-uzu personali tal-istess Zammit wara l-mewt tar-rikorrenti.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Grezzju Caruana vs Giuzeppi Degabriele tat-3/11/04**, il-Qorti citat l-insenjament li imxiet fuqu il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Jane armla minn John Mary Calleja et vs Francesco Calleja (6/10/2000)** li rriteniet illi:

"(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;
"(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;
"(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi

tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.”;

Dwar l-ewwel rekwizit, l-Qorti tal-Appell citat ukoll is-sentenza fl-ismijeit **Mario Mizzi et vs Victor Stellini (Appell 23/6/00**) li irriteniet illi l-persuna kwalifikata skond id-disposizzjoni tal-artikolu 4(2) (a) tal-Kap 199 biex taghmel uzu mir-raba jehtieg illi tkun gabilott.

Illi dawn id-decizjonijiet iqieghdu lir-rikorrenti f’qaghda li ma jistghux jitolbu r-ripresa tar-raba ghall-iskop ta’ htiega personali tieghu jekk huma ma jippruvawx li huma jew favur min jixtiquh lura huma gabilotti. Il-portata ta’ dan l-insenjament hija pjuttost kbira ghaliex ma tantx ihalli margini ta’ diskrezzjoni minkejja l-possibilita li sid jista’ jaqla’ l-ghixien tieghu mir-raba meta ma jkunx prettament gabilott. Dan jista’ qatt ma jkun mess il-hamrija b’idejh izda jista’ jimpjega nies biex jaghmlu dak kollu mehtieg ghal koltivazzjoni tar-raba’. Din il-konkluzzjoni ukoll tikkontrasta ma’ dak ravvizat fl-artikolu 4 (2) (b) fejn il-Bord jista’ jawtorizza r-ripresa tal-art li ma jkunx saqwi kemm il-darba is-sid ikunu jehtiegu ghal skopijiet ta’ kostruzzjoni. Ir-rikorrenti u Maria Zammit mhumiex gabilotti u ghalhekk, fuq il-portata tal-fuq citati sentenzi, ikun inutili li dan il-Bord jistharreg r-rekwiziti l-ohra.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------